A.L. 143 ta' l-1995

ATT TA' L-1995 DWAR TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR (ATT NRU. V TA' L-1995)

Regolamenti ta' l-1995 dwar *Records* Duplikati fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar f'Għawdex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat lilu mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att ta' l-1995 dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, il-Ministru tal-Ġustizzja u Kultura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar *Records* Duplikati fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar f'Għawdex.

Records eċċ. li għandhom jinżammu duplikati f'Għawdex.

2. Ir-*records* u l-atti li għandhom jinżammu duplikati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) huma dawn li ġejjin:—

(a) kull *record* li għandu x'jaqsam ma' xi każ li fih il-konvenut jiġi indikat fit-talba bħala li hu residenti f'xi waħda mill-gżejjer ta' Għawdex jew ta' Kemmuna;

(b) kull *record* li għandu x'jaqsam ma' xi każ li fih it-Tribunal jagħmel xi waħda mis-seduti tiegħu f'Għawdex;

(ċ) kull att li jiġi preżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att ta' l-1995 dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar.